MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 831/1997/1

Alfred Agius
vs
Il-Ministru tal-Edukazzjoni u d-Direttur Generali tal-Edukazzjoni

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz bejn is-sena 1991 u s-sena 1993 ir-rikorrent sofra pregudizzju u ngustizzja konsistenti fil-fatt illi huwa kien gie maqbuz fil-promozzjoni ghall-Kap ta’ Skola.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita` taghhom, kienu s-segwenti: Illi r-rikorrent kien gie appuntat Assistent Kap tal-iskola fil-25 ta’ Mejju 1979 u fil-perjodu Novembru 1984 sa Lulju 1989 kien Assistent Kap “in charge” mill-Iskola Primarja ta’ Hal Safi.

Illi fit-2 ta’ Gunju 1989 kien intlahaq ftehim bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers li permezz tieghu kull skola ghandha titmexxa minn Kap u dan fuq skala approprjata mal-popolazzjoni tal-istudenti.

Illi f’dan il-perjodu r-rikorrent kien gie trasferit, flimkien ma’ certa Giovanna Antida Debono, sabiex jaqdi dmirijiet tieghu bhala Assistent Kap fl-iskola primarja ta’ Hal Luqa.

Illi f’dan il-perjodu l-istess Giovanna Antida Debono kienet ghadha ma gietx promossa ghall-grad ta’ Assistent Kap, liema promozzjoni kienet giet moghtija lilha fit-12 ta’ Novembru 1981 u li ghalhekk, kwantu seniority, kienet anqas mir-rikorrent.

Illi fl-istess perjodu l-istess Giovanna Antida Debono kienet giet promossa ghal grad ta’ Kap tal-Iskola.

Illi r-rikorrent kien protesta bil-qawwa kollha mal-Public Service Commission izda ma kien gie moghti l-ebda sodisfazzjon.

Illi fis-sittax (16) ta’ Settembru 1991 r-rikorrent kien ghal darba ohra, trasferit lejn l-iskola Primarja ta’ Hal Safi bhala Assistent Kap “in charge”.

Illi fit-8 ta’ Mejju 1992, u dan bi ksur tal-ftehim milhuq bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers tat-2 ta’ Gunju 1989, ir-rikorrent kien gie moghti l-promozzjoni bil-konsegwenza illi huwa kien sofra pregudizzju u ngustizzja peress illi tul dawn ix-xhur huwa kien thallas bhala Assistent Kap u mhux bhala Kap.

Illi in oltre minhabba l-fatt illi huwa kien gie maqbuz, gie mtellef u mcahhad mid-dritt tieghu illi japplika ghall-Grad oghla.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li ghamel referenza ghal fuq espost u rreserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jinghata rimedju billi jigi (1) dikjarat illi fil-konfront tar-rikorrent kienet giet kommessa ingustizzja meta huwa kien gie maqbuz minn persuna/i ghall-grad ta' Kap ta' Skola (2) illi jinghata dik il-promozzjoni b'lura mis-sena 1991 flimkien ma' dawk il-beneficcji marbuta ma' tali promozzjoni minghajr ma jigi mtellef kwalunkwe beneficcju versu promozzjonijiet futuri u dan sabiex jerga jikseb postu kwantu seniority (3) u kumpens ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000) sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzji hekk sofferti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni u tal-Onororevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni li eccepew:-

1. Illi, preliminarjament, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi billi r-rikors jirrigwardja l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din ghandha tigi kjamata fil-kaz sakemm dan huwa permess mill-Att VIII ta' l-1997, u jekk din ir-revizjoni hija permessa mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

3. Illi l-promozzjonijiet ghall-Head of School kienu jsiru skond il-ftehim bejn l-MUT u l-Gvern ta' Malta, ta' 1989.

4. Illi dak iz-zmien kien hemm zewg Seniority Lists separati, wahda ghall-irgiel u ohra ghan-nisa (ara dok A1, A2 u A3).

5. Illi hu fatt, li n-numru ta' ufficjali nisa li jhallu s-servizz pubbliku kien akbar min-numru ta' ufficjali rgiel. Ghalhekk l-ufficjali nisa jitilghu fis-seniority qabel l-irgiel.

6. Illi, l-persuna msemmija mir-rikorrent Giovanna Antida Debono (Nru 28 fl-iStaff List 1989) kienet giet nominata ghall-kariga ta' Head of School "by Seniority" a bazi tas-"Seniority List" ta' l-1989, fil-21 ta' Marzu 1991 (ara dok B1 u B2).
7. Illi l-hatra tal-persuna msemmija mir-rikorrent Giovanna Antida Debono, fil-kariga ta' Head of School, kienet giet approvata mill-Ufficcju tal-Prim Ministru fis-sitta u ghoxrin ta' April 1991 (ara dok C).

8. Illi bi qbil bejn id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u l-MUT saret lista wahda ta' Seniority (ara dok D).

9. Illi l-process ghall-hatra tar-rikorrent fil-grad ta' Kap ta' Skola kien tmexxa mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10. Illi r-rikorrent kien gie rakommandat fuq bazi ta' seniority ghall-hatra ta' Kap ta' Skola mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni fit-tmintax ta' Frar 1992 (ara dok E).

11. Illi l-hatra tar-rikorrent fil-grad ta' Kap ta' Skola kienet giet approvata mill-Prim Ministru fit-tmienja ta' Mejju 1992. (ara dok F).

12. Illi l-hatra tar-rikorrent fil-grad ta' Kap ta' Skola kienet saret skond il-procedura mifthema fil-ftehim ta' 1989, bejn il-Gvern ta' Malta u l-MUT, jigifieri sittin fil-mija (60%) fuq bazi ta' seniority u efficjenza u 40% fuq bazi ta' mertu u efficjenza wara sejha ghall-applikazzjoni.

Ghaldaqstant dan l-onorabbli Tribunal ghandu jichad it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
L-ilment tar-rikorrent huwa bbazat fuq il-fatt li huwa gie maqbuz fil-promozzjoni ghal Kap ta' Skola u hu kien gie appuntat Assistent Kap ta' l-iSkola fil-25 ta' Mejju 1979 u fil-perjodu Novembru 1984 sa Lulju 1989 kien Assistent Kap in charge mill-iskola primarja ta' Hal-Safi. Fit-2 ta' Gunju 1989 intlahaq ftehim bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teacher li permezz tieghu kull skola ghandha titmexxa minn Kap u dan fuq skala approprjata mal-popolazzjoni ta' l-istudenti. Semma l-kaz ta' Giovanna Antida Debono li effettivament kienet giet promossa ghall-Assistent Kap fit-12 ta' Novembru 1981 u ghalhekk in kwantu ta' seniority kienet inqas mir-rikorrent. Din in segwitu giet promossa ghal Kap ta' Skola; b'hekk ir-rikorrent tilef l-opportunita` li jitla' ghal grad oghla kif ukoll id-differenza fil-paga.

Alfred Agius, ir-rikorrent semma illi biz-zamma ta' zewg listi separati ta' Seniority, wahda ghall-irgiel u l-ohra ghan-nisa, saret diskriminazzjoni kontra l-irgiel, tant li, wara l-protesti dawn gew amalgamati f'wahda. Semma li Giovanna Scerri, Aquilina Mary, Azzopardi Mary u Debono Giovanna kellhom l-appointment bhala Assistant Heads fl-1 ta' Settembru 1981 u fit-12 ta' Novembru 1981, waqt illi hu sar Assistant Head fil-25 ta' Mejju, 1979.

Semma wkoll li meta hu sar ufficjalment Kap fl-1992 mal-promozzjoni u beda jiehu s-salarju ta' Kap ukoll, Giovanna Antida Debono kienet hadet il-promozzjoni skond il-lista taghha peress li dak iz-zmien kien hemm zewg listi separati, dawk tan-nisa u dawk ta' l-irgiel. Semma li in segwitu l-policy kienet giet irrangata u ma baqghux isiru zewg listi separati dik tan-nisa u dik ta' l-irgiel. Il-policy kienet regghet giet mibdula minhabba l-protesti li kienu saru, liema policy kienet cara li kienet diskriminatorja.

Antoinette Borg Grech semmiet illi kien sar ftehim bejn l-MUT u l-Gvern. Semmiet li f'kull skola kellu jkun hemm Head 1 u Head 2 wara dak il-ftehim. Hi kienet damet

Direttur ghal madwar sentejn fi zmien ir-reorganisation ta' l-1991/92.

Xehed Michael Sultana li semma li hu lahaq Direttur ghal habta tal-1991 u rtira f'Dicembru tal-1991. Hu jaf lir-rikorrent, minhabba li kien inkarigat mis-section ta' l-iskejjel primarji u r-rikorrent kien jaqa' propju tahtu f'din is-sezzjoni u jiftakar lir-rikorrent bhala Head of School qabel ma rtira. Kien Assistant Head fl-iskola ta' Hal-Safi. Ma jafx jghid ghal liema raguni r-rikorrent ma kienx ha l-promozzjoni. Is-sistema dak iz-zmien kienet illi jsiru 60% by seniority in-numru ta' kapijiet li kienu jigu appuntati, 40% by interview.

Xehed Joe DeGiovanni rapprezentant tal-MUT u semma li fl-1989 kien hemm zewg metodi kif xi hadd jilhaq bhala kap ta' skola. 60% kienu jilhqu a bazi ta' seniority u efficiency, filwaqt li 40% kienu jilhqu permezz ta' efficiency & merit, u dan wara li tkun pubblikata is-sejha ghall-applikazzjoni. Fir-rigward ta' Assistent Kapijiet ta' skola, dawn gew amalgamati, f'lista wahda, nisa w irgiel, ftit wara li lahaq hu bhala Segretarju Generali ghall-habta tal-1990. Mill-collective agreement ma kien hemm xejn imnizzel dwar li jridu jkunu minn lista wahda fir-rigward ta' jkunux nisa jew irgiel. Kien hemm imnizzel biss dak li r-ratio huwa ta' 60% u 40% li semma precedentement. Minhabba ragunijiet li n-nisa kienu jispiccaw mix-xoghol aktar malajr, l-izjed ghax kienu jizzewgu, li kien jigri huwa li fil-kaz tan-nisa biex jilhqu kien ikun aktar mghaggel.

Xehed Edmond Saliba Rapprezentant Manager Human Resources li semma li fir-rigward ta' Assistant Heads biex jilhqu Kapijiet ta' skola, li kien jigi ghall-habta tal-1989, li kien ikun hemm zewg listi, wahda tan-nisa u ohra ta' l-irgiel, u kienu jigu appuntati minn dawn iz-zewg listi, jekk per ezempju jkun hemm sitt vakanzi, jintghazlu tlieta mil-lista tan-nisa, u tlieta mil-lista ta' l-irgiel. Dak iz-zmien ukoll kien hemm ratio ta' 60% u 40% li dawk li jilhqu kapijiet ta' skola. Li kien jigri li n-nisa kienu jitilqu aktar malajr proprju ghar-raguni li hafna kienu jitilqu.

Xehed Frederick Fearne li semma li jaf lir-rikorrent kemm fl-administration kif ukoll bhala kap ta' skola. Semma li zmien minnhom kien hemm merger tal-lista tan-nisa u tal-irgiel bhala kapijiet ta' skola. Kien hemm zmien meta kien hemm distinzjoni bejn l-infant's schools, boy's schools u girl's schools u ghalhekk kien hemm bzonn kapijiet ta' skola nisa u rgiel izda zmien minnhom ma baqghetx din id-distinzjoni u ghalhekk saret il-merger. In-nisa kienu jikkonkorru ghalihom u l-irgiel ghalihom.

Xehdet Giovanna Antida Debono li semmiet li fl-1990 kienet tahdem bhala Assistant Head Hal-Luqa flimkien mar-rikorrent. Meta kienet Assistant Head Hal-Luqa cemplitilha Carmelina Debono Direttur u qaltilha biex mill-ghada tirraporta bhala Head School, Marsa.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent inqabez fil-hatra ghal Head of School minn persuni li kellhom seniority anqas minnhom. Jidher li r-raguni ghal dan kien li kien hemm zewg listi separati, wahda tal-irgiel u l-ohra tan-nisa u ghalhekk in-nisa kienu jilhqu hafna aktar malajr minhabba dan. Jidher li l-origini ta' din id-decizjoni kienet meta l-iskejjel kienu jirrikjedu Kap ta' skola ta' sess differenti fl-antik, liema regola pero` baqghet hemm ghal xi zmien. Ir-rikorrent sostna li din kienet regola diskriminatorja.

Fuq diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European

Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136. It-Tribunal isib li fl-1990 policy li jkun hemm listi separati ghal Head of School kienet certament diskriminatorja fis-sens li m'ghandu jkun hemm ebda punt ta' vantagg la favur u anqas in-nisa jew l-irgiel f'hatriet sakemm dawn ma jkunux min-natura taghhom (f' sens ta' moralita`, pudur rispett lejn il-persuna tal-bniedem) essenzjali li kariga tkun ghal ragel jew ghal mara. Ma nghatat ebda raguni valida ghala r-rikorrent ma kellux jinghata promozzjoni ghax ma rrizulta xejn negattiv fil-konfront tieghu.

Gie eccepit li l-Ministru tal-Edukazzjoni mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f' idejn il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li min-natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex il-Ministru tal-Edukazzjoni gie mharrek u ghalhekk l-istess Ministru tal-Edukazzjoni mhux il-legittimu kontradittur. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Ministru tal-Edukazzjoni u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Dwar l-eccezzjoni fuq il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku t-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija minnu fis-7 ta' Mejju 1998 fil-kawza fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha u ghalhekk jichad l-eccezzjoni tad-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni. Ghalhekk it-talba tidher gustifikata.

Jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Head of School b'effett mill-istess data li fiha inhatret Head of School Giovanni Antida Debono u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni hlief dawk relattivi ghall-Ministru ta' l-Edukazzjoni li huma a karigu tar-rikorrent.

--------------------------------TMIEM--------------------------------